

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 670/2009

tal-24 ta' Lulju 2009

li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jirrigwarda l-intervent pubbliku permezz ta' sejħa għall-offerti għax-xiri ta' qamħ durum jew ta' ross paddy, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 428/2008 u (KE) Nru 687/2008

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(a), (c) u (k) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, kif emendati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2009 ⁽²⁾, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, mill-1 ta' Lulju 2009 għall-qamħ durum u mill-1 ta' Settembru 2009 għar-ross paddy, li jsir intervent pubbliku jekk is-sitwazzjoni tas-suq, u b'mod partikolari l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tas-suq, jiġġustifikaw dan. Huwa xieraq li jiġu previsti l-kundizzjonijiet li fihom l-interventi pubbliċi jkunu jistgħu jsiru, fil-każ li l-Kummissjoni tiddeċiedi li intervent bħal dan ikun meħtieġ u li jiġi mfakkar li l-awtoritjaet huma kompetenti f'dan il-qasam, fl-Istat Membru, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 884/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 f'dak li jirrigwarda l-finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija ta' operazzjonijiet ta' ħżin pubbliku mill-aġenziji tal-ħlas tal-Istati Membri ⁽³⁾ [verżjoni mhux uffiċjali], filwaqt li jiġi stabbilit li dawn l-awtoritajiet għandhom jintervjenu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, taħt l-isem "aġenziji tal-intervent", inkluż fil-każ li l-aġenziji tal-ħlas jaġixxu direttament.
- (2) Biex is-sistema tal-interventi pubbliċi tkun tista' taħdem b'mod kemm jista' jkun sempliċi u effikaċi, huwa xieraq li jiġu definiti r-regoli dwar l-approvazzjoni taċ-ċentri tal-intervent mill-aġenziji tal-intervent tal-Istati Membri u li jiġu deċiżi d-dispożizzjonijiet dwar din l-approvazzjoni. Għal dan il-għan huwa xieraq li jiġu ddefiniti l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tal-postijiet tal-ħżin taċ-ċentri tal-intervent.
- (3) Il-kundizzjonijiet biex jintlaqgħu l-offerti tal-qamħ durum u tar-ross paddy, li għandhom jitressqu lill-aġenziji tal-intervent, u l-kundizzjonijiet sabiex dawn jittieħdu minnhom, għandhom ikunu uniformi kemm jista' jkun madwar il-Komunità. Għalhekk, biex tiġi ggarantita l-ugwaljanza fit-trattament tal-operaturi kollha, huwa

xieraq li jiġu determinati l-proċeduri applikabbli għax-xiri, u b'mod aktar partikolari, għall-aċċettabbiltà tal-offerti, għat-teħid tal-prodotti u għall-kontrolli rilevanti.

- (4) Fil-każ li l-postijiet tal-ħżin ta' ċentru tal-intervent approvat, ikunu jinsabu fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih titwettaq l-attività prinċipali tal-operatur, u li għalhekk jagħtu lill-operaturi l-opportunità li jwasslu l-prodotti tagħhom b'inqas spejjeż, huwa xieraq li dawn l-operaturi jingħataw il-possibbiltà li jressqu l-offerti tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat. Għalhekk, sabiex jiġu evitati restrizzjonijiet amministrattivi supplementari għal dawn l-operaturi, huwa xieraq li tiġi awtorizzata l-eżekuzzjoni tal-formalitajiet marbuta mal-offerti permezz tan-numru tal-VAT fl-Istat Membru fejn iwettqu l-attivitajiet ewlenin tagħhom, u li jitħallew iressqu, bl-appoġġ tal-offerta tagħhom, garanzija miksuba fl-Istat Membru msemmi.
- (5) Sabiex tiġi ggarantita l-ġestjoni simplifikata u sodisfaċenti tal-intervent, huwa xieraq li jiġi previst li l-kwantitajiet ikunu omoġenji u, fir-rigward tar-ross, li l-kwantitajiet ikunu jinkorporaw biss ross tal-istess varjetà. Huwa xieraq ukoll li tiġi stabbilita kwantità minima li, jekk ma tintlaħaqx, l-aġenzija tal-intervent ma tkunx obbligata taċċetta l-offerta, dejjem b'kunsiderazzjoni għall-fatt li tunnellaġġ minimu ogħla jista' jkun meħtieġ biex jitqiesu l-kundizzjonijiet u l-prattiki tas-suq bl-ingrossa, inkella r-regoli ambjentali fis-seħħ fxi Stat Membru partikolari. Biex l-operaturi jingħataw l-informazzjoni dwar il-kwantitajiet minimi applikabbli, huwa xieraq li jsir provvediment biex l-aġenziji tal-intervent jispeċifikaw dawn il-kwantitajiet minimi f'kull avviż ta' sejħa li jippubblikaw u, jekk meħtieġ, jistabilixxuhom flivell ogħla mil-livell stabbilit minn dan ir-Regolament.
- (6) Qamħ durum u ross paddy li l-kwalità tiegħu ma tippermettix użu jew ħażna xierqa ma għandux jiġi aċċettat għall-intervent. Il-metodi meħtieġa biex tiġi determinata l-kwalità tal-qamħ durum u tar-ross paddy għandhom jiġu definiti f'dan ir-rigward.
- (7) Il-qamħ durum huwa ċereal kopert minn kriterji minimi ta' kwalità għall-konsum mill-bniedem u għandu jissodisfa l-istandards sanitarji stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jstabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ⁽⁴⁾. Għandu jiġi previst li daww l-istandards ikunu applikabbli meta l-prodotti kkonċernati jidħlu taħt l-iskema attwali ta' interventi.

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 30, 31.1.2009, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 171, 23.6.2006, p. 35.⁽⁴⁾ ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.

- (8) Ir-riskji preżenti meta jinqabeż il-limitu massimu għall-kontaminanti ammissibbli jistgħu jiġu identifikati mill-aġenziji tal-ħlas jew l-aġenziji tal-intervent abbażi tal-informazzjoni mill-applikanti u l-kriterji ta' analiżi tagħhom stess. Għalhekk, sabiex jiġu limitati l-ispejjeż finanzjarji, hemm biss ġustifikazzjoni għat-talba ta' analiżi, taħt ir-responsabbiltà tal-aġenziji qabel ma jittieħdu l-prodotti, meta din tkun abbażi ta' analiżi tar-riskju li tippermetti li tiġi garantita l-kwalità tal-prodotti meta jidħlu taħt l-iskema tal-intervent. Madankollu, fejn deċiżjoni meħuda minn Stat Membru fil-waqt tax-xiri tal-prodott tkun inadegwata fid-dawl tal-analiżi tar-riskju rikjesta b'dawn ir-regoli, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli jekk jirriżulta wara li l-prodott ma kienx konformi mal-istandards minimi. Effettivament, tali deċiżjoni ma tkunx ippermettiet li l-kwalità tal-prodott tkun garantita, u għalhekk, li tkun żgurata l-konservazzjoni xierqa tiegħu. Għaldaqstant, għandhom ikunu speċifikati l-kundizzjonijiet li fihom Stat Membru għandu jinżamm responsabbli.
- (9) Biex tiġi stabbilita l-kwalità minima tar-ross paddy, għandhom jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi fir-reġjuni tal-Komunità fejn jitkabbar ir-ross.
- (10) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti b'mod preċiż il-kontrolli li għandhom isiru biex tiġi żgurata l-preżenza effettiva tal-prodotti offruti fil-postijiet tal-ħżin identifikati mill-applikant, kif ukoll biex jiġu rispettati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak li jirrigwarda l-piż u l-kwalità tal-merkanzija offruta. Għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, l-aċċettazzjoni tal-prodotti offruti wara li tkun ġiet ikkontrollata l-kwantità u l-konformità mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità, u, min-naħa l-oħra, l-iffissar tal-prezz li għandu jitħallas lill-applikant wara li jkun saru t-testijiet meħtieġa biex ikunu identifikati l-karatteristiċi preċiżi ta' kull lott ibbażati fuq kampjuni rappreżentattivi.
- (11) Biex tkun żgurata t-tmexxija effiċjenti ta' din il-miżura ta' intervent, għandu jkun provdut li l-offerti tal-qamħ durum jew tar-ross ikunu vinkolanti u definittivi. Għalhekk ma jistgħu la jiġu emendati u lanqas irtirati, u huwa meħtieġ li t-tressiq tal-offerti jsir bil-kundizzjoni li titressaq garanzija u li jiġu ddefiniti l-modalitajiet tar-rilaxx u l-akkwist eventwali tiegħu fil-baġit Komunitarju fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' ċerti kundizzjonijiet ta' aċċettabbiltà tal-offerti msemmija.
- (12) L-Artikolu 18(2) u (4)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li l-prezz tal-intervent tal-qamħ durum huwa determinat mill-Kummissjoni fil-kuntast tas-sejħiet għall-offerti, bla ħsara għall-mekkaniżmi ta' żidiet u tnaqqisiet fil-prezz għal raġunijiet ta' kwalità. Huwa xieraq li jiġu speċifikati dawn il-varjazzjonijiet fil-prezz, b'rabta mal-kriterji ewlenin tal-kwalità tal-qamħ durum.
- (13) L-Artikolu 18(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li l-prezz tal-intervent jiġi stabbilit għar-ross paddy ta' kwalità ta' standard speċifiku, definita fl-Anness IV, punt A tiegħu u li, jekk il-kwalità tar-ross offrut għall-intervent hija differenti minn dak l-istandard ta' kwalità, il-prezz tal-intervent għandu jiġi aġġustat billi jiġu applikati żidiet jew tnaqqisiet fil-prezz. L-applikazzjoni taż-żidiet u ta' tnaqqisiet għandha tirrifletti d-differenzi fil-prezz osservati fis-suq tar-ross paddy għal kwalitajiet differenti. Għal dan l-għan, għandhom jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi bażiċi tar-ross paddy, biex b'hekk tkun tista' ssir evalwazzjoni oġġettiva tal-kwalità tiegħu. L-evalwazzjoni tal-indewwa tiegħu, tar-rendiment mit-tħin u d-difetti tal-ħbub, bl-użu ta' metodi sempliċi u effettivi, tissodisfa dan ir-rekwiżit.
- (14) Għall-finijiet tal-armonizzazzjoni, il-kontrolli fuq l-istokkijiet tal-intervent għandhom isiru skont il-kundizzjonijiet definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 884/2006.
- (15) Għall-finijiet tal-ġestjoni tajba tas-sistema, huwa f'loku li jsir provvediment għat-trażmissjoni tal-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni b'mezzi elettroniċi u li din l-informazzjoni tiġi kkomunikata fuq il-bażi ta' metodi li l-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.
- (16) Id-dispożizzjonijiet marbuta mas-settur tar-ross u pprovduti f'dan ir-Regolament jissostitwixxu dawk fis-seħħ li jipprovdihom ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 489/2005 tad-29 ta' Marzu 2005 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1785/2003 fir-rigward tad-determinazzjoni ta' ċentri ta' intervent u t-teħid ta' ross paddy mill-aġenziji ta' intervent ⁽¹⁾. Madankollu, għall-finijiet tal-armonizzazzjoni tar-regoli applikabbli għar-ross u għall-qamħ durum, huwa xieraq li ċerti dispożizzjonijiet ipprovduti fir-Regolament (KE) Nru 489/2005 jitħallew barra.
- (17) Id-dispożizzjonijiet marbuta mal-qamħ durum, ipprovduti minn dan ir-Regolament, jissostitwixxu dawk fis-seħħ kif provduti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 428/2008 tat-8 ta' Mejju 2008 li jstabbilixxi ċ-ċentri tal-intervent għaċ-ċereali ⁽²⁾. Għalhekk huwa xieraq li jsir provvediment biex dawn ma jibqgħux japplikaw għall-qamħ durum mill-1 ta' Lulju 2009.
- (18) Id-dispożizzjonijiet marbuta mal-qamħ durum, ipprovduti minn dan ir-Regolament, jissostitwixxu dawk fis-seħħ kif provduti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 687/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi l-proċeduri għall-pussess ta' ċereali mill-aġenziji li jħallsu jew l-aġenziji tal-intervent u li jippreskrivi l-metodi tal-analiżi sabiex jistabbilixxu l-kwalità fiċ-ċereali ⁽³⁾. Għalhekk huwa xieraq li jsir provvediment biex dawn ma jibqgħux japplikaw għall-qamħ durum mill-1 ta' Lulju 2009.
- (19) Għaldaqstant, huwa xieraq li r-Regolamenti (KE) Nru 428/2008 u (KE) Nru 687/2008 jiġu emendati u li r-Regolament (KE) Nru 489/2005 jiġi mħassar.

⁽¹⁾ ĠU. L 81, 30.3.2005, p. 26.

⁽²⁾ ĠU L 129, 17.5.2008, p. 8.

⁽³⁾ ĠU L 192, 19.7.2008, p. 20.

- (20) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 72/2009, id-dispożizzjonijiet il-ġodda li jirrigwardaw l-interventi pubbliċi, ipprovduti mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, japplikaw mill-1 ta' Lulju 2009 f'dak li jirrigwarda l-qamħ durum u mill-1 ta' Settembru 2009, f'dak li jirrigwarda s-settur tar-ross. Għalhekk huwa xieraq li r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet japplikaw mill-istess dati.
- (21) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma ressaqx fehmto fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJET KOMUNI GĦALL-APPROVAZZJONI MIĊ-ĊENTRI TAL-INTERVENT TAX-XIRI U TAL-OFFERTI

TAQSIMA 1

REGOLI ĠENERALI

Artikolu 1

Ambitu u definizzjonijiet

- Dan ir-regolament jstabbilixxi, fis-setturi tal-qamħ durum u tar-ross, ir-regoli dettaljati ta' applikazzjoni marbuta max-xiri b'intervent pubbliku, ipprovduti bl-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
- Ix-xiri msemmi fil-paragrafu 1 isir mill-aġenziji tal-ħlas inkella l-aġenzija nnominati mill-aġenziji tal-ħlas, f'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 884/2006, minn issa 'l quddiem "aġenziji tal-intervent".

Artikolu 2

Deżinjazzjoni u approvazzjoni taċ-ċentri tal-intervent

- Iċ-ċentri tal-intervent li għandhom jiġu deżinjati mill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-aġenziji tal-intervent, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-regoli stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 884/2006, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-responsabbiltà għall-kontrolli, f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi.
- Għall-approvazzjoni ta' ċentru tal-intervent, l-aġenziji tal-intervent għandhom jiżguraw li l-postijiet tal-ħżin taċ-ċentru msemmi jissodisfaw, bħala minimu, il-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - I-eżistenza ta' kapaċitajiet tal-ħżin, għat-total tal-postijiet tal-ħżin taċ-ċentru msemmi, ta' minimu ta' 20 000 tonnollata għall-qamħ durum jew ta' 10 000 tonnollata għar-ross;
 - kapaċità minima tal-ħruġ tal-ħażniet li jippermettu, għal kull post tal-ħżin, fluss għal kull jum tax-xogħol ta' mhux inqas minn 5 % tal-kwantità maħżuna inkella ta' 1 000 tonnollata għall-qamħ durum u ta' 500 tonnollata għar-ross.

- L-informazzjoni marbuta mal-lista taċ-ċentri tal-intervent u l-postijiet tal-ħżin tagħhom, deżinjati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, jiġu emendati u mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri u għall-pubbliku skont l-Artikoli 23 u 24 ta' dan ir-Regolament.

TAQSIMA 2

PROCĊEDURA APPLIKABBLI GĦAX-XIRI TAL-QAMĦ DURUM JEW TAR-ROSS PADDY PERMEZZ TAL-PROCĊEDURA TAL-OFFERTI

Artikolu 3

Xiri

- Wara l-ftuħ tal-proċedura tal-offerti permezz ta' Regola-ment adottat mill-Kummissjoni, minn issa 'l quddiem "Regola-ment li jiftaħ is-sejħa għall-offerti", f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-aġenziji tal-intervent għandhom jixtru l-qamħ durum jew ir-ross paddy b'sejħa għall-offerti.
 - Ir-Regolament li jiftaħ is-sejħa għall-offerti jindika b'mod partikolari:
 - id-deżinjazzjoni tal-prodott u l-kodiċi tiegħu tan-NM;
 - id-dati tas-sejħiet għall-offerti;
 - id-data u l-ħin ta' skadenza għat-tressiq tal-offerti;
 - id-data tal-għeluq tal-perjodu tal-offerti;
 - l-Istati Membri jew ir-reġjun(i) kkonċernati, fil-każ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
 - Għar-ross paddy, is-sejħa għall-offerti tista' tkun limitata għal tip wieħed jew diversi tipi ta' ross kif definiti fl-Anness III, Parti I I.2 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ("ross tal-ħabba tonda", "ross tal-ħabba mezzana", "ross tal-ħabba twila A jew B").
 - Bejn id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jiftaħ is-sejħa għall-offerti u d-data prevista għall-aħħar jum tal-ewwel perjodu għat-tressiq tal-offerti, għandu jgħaddi perjodu ta' żmien ta' mhux inqas minn sitt ijiem.
 - Is-sejħa għall-offerti ppubblikata mill-aġenzija tal-intervent tispeċifika b'mod partikolari l-kwantitajiet minimi li għalihom għandhom isiru l-offerti. Dawn il-kwantitajiet huma minimu ta' 10 tonnollati għall-qamħ durum u 20 tonnollata għar-ross.
- Madankollu, jekk il-kundizzjonijiet u x-xejriet tas-suq tal-ingrossa inkella r-regoli ambjentali fis-seħħ fi Stat Membru jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' kwantitajiet minimi ogħla mill-kwantitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, dawn il-kwantitajiet jiġu stabbiliti fis-sejħa għall-offerti mill-aġenzija tal-intervent kompetenti.
- L-obbligi li jirriżultaw mill-proċedura ta' offerti m'għandhomx ikunu trasferibbli.

Artikolu 4

Kundizzjonijiet għat-tressiq u għall-aċċettazzjoni tal-offerti

1. Ix-xiri msemmi fl-Artikolu 3 jsir abbażi ta' offerti mressqa mill-operaturi lill-aġenziji tal-intervent tal-Istati Membri, permezz ta' offerta bil-miktub inkella b'mezzi elettroniċi bi prova tal-wasla.

2. Biex l-offerta tkun tista' tintlaqa' mill-aġenzija tal-intervent, għandu jkollha:

(a) formola mressqa mill-Istati Membri, abbażi ta' mudell armonizzat stabbilit mill-Kummissjoni, bil-kundizzjonijiet definiti fl-Artikolu 24, li tinkludi, għall-inqas, l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-isem tal-applikant; l-indirizz tiegħu u n-numru tal-VAT tiegħu fl-Istat Membru li fih jeżerċita l-attività ewlenija tiegħu, jew inkella, fin-nuqqas ta' dan, in-numru tiegħu fir-reġistru agrikolu;

(ii) il-prodott li joffri; b'indikazzjoni, għar-ross, tat-tip u tal-varjeta';

(iii) il-post tal-ħżin tal-prodott fil-waqt li titressaq l-offerta;

(iv) il-postijiet tal-ħżin taċ-ċentru tal-intervent li għalihom l-offerta ssir bl-inqas spejjeż;

(v) il-kwantità offruta, is-sena tal-ħsad tal-prodott offrut, l-indikazzjoni tal-orijini Komunitarja tiegħu, u taż-żona tal-produzzjoni fil-Komunità;

(vi) il-prezz propost għal kull tunnellata għall-merkanzija li tikkorrispondi għall-kwantità minima tal-qamħ durum inkella għall-kwalità tat-tip tar-ross, ippreżentata fil-postijiet tal-ħżin taċ-ċentru tal-intervent deżinjat, li tkun għadha ma nhattix, u espress f'euro b'massimu ta' żewġ punti deċimali. Dan il-prezz m'għandux ikun aktar mill-prezz ta' referenza msemmi fl-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jirrigwarda l-qamħ durum, jew mill-prezz ta' referenza msemmi fl-Artikolu 8(b) tar-Regolament imsemmi f'dak li jirrigwarda r-ross paddy;

(vii) għar-ross, it-trattamenti fitosanitarji mwettqa wara l-ħsad, bl-ispeċifikazzjoni tad-dożi użati;

(viii) il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott offrut.

(b) id-dokumenti anċillari li ġejjin:

(i) prova tal-istabbiliment mill-applikant ta' garanzija ta' EUR 30 għal kull tunnellata qamħ durum jew ta' EUR 50 għal kull tunnellata ross paddy, qabel l-iskadenza tal-perjodu tas-sejħa għall-offerti; din il-garanzija

tista' ssir fl-Istat Membru li fih l-applikant iwettaq l-attività ewlenija tiegħu fil-każ li jressaq l-offerta tiegħu fi Stat Membru ieħor;

(ii) dikjarazzjoni tal-applikant li turi li l-kwantitajiet offruti huma effettivament preżenti fil-post tal-ħżin deżinjat fil-punt a) iii) ta' dan il-paragrafu;

(iii) dikjarazzjoni mill-applikant jattesta li l-offerta tirrigwarda lott omoġenju li, fil-każ tar-ross, tkun magħmula minn ross paddy tal-istess varjeta', u li jattesta wkoll li l-kwantitajiet minimi jirrispettaw dawk stabbiliti fis-sejħa għall-offerti ppubblikata mill-aġenzija tal-intervent.

3. L-aġenzija tal-intervent għandha tirreġistra l-offerti li jistgħu jintlaqgħu, id-data li jaslu u l-kwantitajiet konċernati.

4. L-offerti huma vinkolanti u definittivi.

Artikolu 5

Verifika tal-offerti mill-aġenzija ta' intervent

1. L-aġenziji tal-intervent għandhom jivverifikaw l-aċċettabilità tal-offerti fuq il-bażi tal-elementi mitluba f'konformità mal-Artikolu 4(2).

Jekk offerta ma tiġix aċċettata, l-operatur interessat għandu jiġi mgħarraf immedjatament mill-aġenzija tal-intervent.

2. Il-verifika tal-konformità tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4(2)(b)(ii) u (iii) tista' ssir wara li l-aġenzija tal-intervent tiddeċiedi li l-offerti jistgħu jintlaqgħu, u skont il-każ, bl-għaj-nuna tal-aġenzija tal-intervent kompetenti għall-post tal-ħżin deżinjat mill-applikant, f'konformità mal-Artikolu 22(3).

Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ta' dokument wieħed jew l-ieħor imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-offerta titħassar u japplika l-Artikolu 9(2).

Artikolu 6

Komunikazzjoni tal-offerti lill-Kummissjoni

1. Sa mhux aktar tard mis-14:00 (ħin ta' Brussell) tal-jum ta' wara d-data ta' skadenza għat-tressiq tal-offerti, l-aġenzija tal-intervent għandha tgħarraf lill-Kummissjoni bl-offerti aċċettabbli, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 24. L-identità tal-applikanti għandha tibqa' sigrieta.

Jekk ma tkun tressqet l-ebda offerta aċċettabbli, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan fl-istess perjodu ta' żmien.

2. L-offerti aċċettabbli li ma jiġux notifikati lill-Kummissjoni jiġu esklużi mill-proċess.

Artikolu 7

Deċiżjoni fuq il-bażi tal-offerti

Fuq il-bażi tal-offerti kkomunikati, skont l-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma ssegwix l-offerti rċevuti inkella tiffissal-prezz massimu tax-xiri b'intervent, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Artikolu 8

Deċiżjonijiet individwali dwar l-offerti

1. Fil-każ li l-prezz massimu tax-xiri b'intervent ikun ġie stabbilit mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 7, l-aġenziji tal-intervent għandhom jilqgħu l-offerti aċċettabbli, ugwali inkella aktar baxxi mill-ammont massimu. L-offerti l-oħra kollha jiġu rifjutati.

2. Jekk ma jiġi stabbilit l-ebda prezz massimu tax-xiri, ma għandha tintlaqa' l-ebda offerta.

3. L-aġenziji tal-intervent, wara l-pubblikazzjoni tar-regolament jew in-notifika tad-deċiżjoni li jistabbilixxu l-prezz massimu tax-xiri b'intervent, imsemmijin fl-Artikolu 7, inkella li jiddefinixxu li l-offerti ma ntlagħhux, għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. Kull applikant għandu jiġi infurmat mill-aġenzija kompetenti dwar ir-riżultat tiegħu fil-proċess tal-offerti, sa mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol ta' wara l-pubblikazzjoni jew in-notifika msemmija fil-paragrafu 3.

Artikolu 9

Rilaxx u telf tal-garanziji

1. Il-preżenza effettiva tal-prodotti fil-post tal-ħżin deżinjat mill-applikant f'konformità mal-Artikolu 4(2)(a)(iii), il-preżentazzjoni ta' lott omoġenju, iż-żamma tal-offerta komunikata lill-Kummissjoni u l-aċċettazzjoni tal-prodott mill-organiżmu kompetenti jikkostitwixxu r-reqwiziti ewlenin skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 ⁽¹⁾.

2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-reqwiziti ewlenin imsemmija fil-paragrafu 1, il-garanzija tintilef ħlief f'każijiet ta' force majeure, u din titniżżel fil-kontijiet bħala dħul skont l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006 ⁽²⁾.

3. Fl-interess tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-aġenziji ta' intervent għandhom iwettqu kontrolli tal-kwantitajiet preżenti fl-imħażen billi japplikaw *mutatis mutandis* ir-regoli u l-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 884/2006, għall-kontrolli tal-preżenza fiżika tal-prodotti maħżuna fil-qafas ta' operazzjonijiet ta' ħżin pubbliku, u b'mod aktar partikolari, ir-regoli u l-kundizzjonijiet stipulati fil-punt B.III tal-Anness I għar-Regolament imsemmi. Dawn il-kontrolli għandhom isiru fuq tal-anqas 5 % mill-offerti u 5 % mill-kwantitajiet offerti, abbażi ta' analiżi tar-riskji.

⁽¹⁾ ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5.

⁽²⁾ ĠU L 171, 23.6.2006, p. 1.

4. Il-garanzija tiġi rilaxxata ladarba tiġi ppubblikata d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 8(3), fil-każ li l-offerta ma tintlaqax.

5. Il-garanzija tiġi rilaxxata għall-offerti miżmuma, fil-ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-istabbiliment tar-reġistru tat-teħid tal-pussess imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 18(1).

TAQSIMA 3

PROĊEDURA TAT-TWASSIL TAL-PRODOTTI

Artikolu 10

Konsenja

1. Id-data jew id-dati tal-konsenja fil-post tal-ħżin taċ-ċentru tal-intervent approvat, iddeżinjat mill-applikant, jiġu stabbiliti mill-aġenzija tal-intervent u jiġu kkomunikati lill-applikant fl-iqsar żmien possibbli.

Madankollu, fil-każ li l-prodotti ma jistgħux jitwasslu fil-postijiet tal-ħżin taċ-ċentru tal-intervent iddeżinjat mill-applikant, l-aġenzija tal-intervent għandha tiddiżenja postijiet ta' ħżin oħra tal-istess ċentru tal-intervent, inkella postijiet tal-ħżin ta' ċentru tal-intervent approvat fejn għandha ssir, bl-inqas spejjeż, il-konsenja, u l-aġenzija tal-intervent għandha tiffissa wkoll id-dati tal-konsenja.

2. Il-prodotti kollha għandhom jitwasslu fil-post tal-ħżin taċ-ċentru tal-intervent approvat sa mhux aktar tard minn tmien it-tielet xahar wara x-xahar li matulu ntlagħhet l-offerta, u f'kull każ mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju għal dak li jirrigwarda l-qamħ durum, u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu f'dak li jirrigwarda r-ross paddy.

3. Il-konsenja għandha tintlaqa' mir-rappreżentant tal-aġenzija tal-intervent fil-preżenza tal-applikant jew tar-rappreżentant tiegħu awtorizzat kif jixraq.

4. Il-kwantità kunsinjata trid tiġi konfermata permezz tal-użin fil-preżenza tal-applikant inkella tar-rappreżentant tiegħu awtorizzat kif xieraq, u ta' rappreżentant tal-aġenzija tal-intervent li jkun indipendenti mill-applikant.

Madankollu, ir-rappreżentant tal-aġenzija tal-intervent jista' wkoll ikun dak li jżomm il-kotba tal-maħżen. F'dan il-każ:

(a) l-aġenzija tal-intervent fi żmien tletin jum minn meta tiegħu l-pussess, għandha ttwettaq spezzjoni li tinvolvi mill-inqas kontroll/eżami volumetriku; id-differenza bejn il-kwantità stabbilita bl-użin u l-kwantità stmata b'mod konformi mal-metodu volumetriku ma tistax taqbeż il-5 %;

(b) fejn ma tinqabiżx it-tolleranza, min iżomm ir-reġistri tal-maħżen għandu jgħorr l-ispejjeż kollha li jkollhom x'jaqsma ma' kull differenza osservata, u f'kontroll/eżami iktar tard, mill-użin imdaħħal fil-kontijiet mat-teħid tal-pussess;

(c) meta t-tolleranza hi maqbuża, għandhom jintiżnu minnufih. L-ispejjeż tal-użin għandhom jinġarru minn min iżomm il-kotba tal-maħżen, fejn l-użin stabbilit ikun inqas minn dak reġistrat, jew mill-Istat Membru, meta jkun iktar.

Artikolu 11

Spejjeż tat-trasport

1. L-ispejjeż tat-trasport tal-merkanzija sal-post tal-ħżin taċ-ċentru tal-intervent iddeżinjat mill-applikant bl-inqas spejjeż possibbli, f'konformità mal-Artikolu 4(2)(a)(iv), jiġġarrbu mill-applikant, għal distanza ta' 100 km jew inqas. Kif tinqabeż id-distanza tal-100 km, l-ispejjeż tat-trasport jiġġarrbu mill-aġenzija tal-intervent.

2. Meta l-post tal-ħżin taċ-ċentru tal-intervent iddeżinjat mill-applikant jinbidel mill-aġenzija tal-intervent f'konformità mal-Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu, l-ispejjeż addizzjonali tat-trasport, b'tariffa li tikkorrispondi għal 20 km, għandhom jiġġarrbu mill-aġenzija tal-intervent. Madankollu, l-ispejjeż tat-trasport għal distanza ta' aktar minn 100 km, għandhom jiġġarrbu kollha mill-aġenzija tal-intervent.

3. L-ispejjeż li jiġġarrbu mill-aġenzija tal-intervent, imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, jiġu rimborsati mill-Kummissjoni, mhux b'rata fissa, f'konformità mal-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 884/2006.

KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-QAMĦ DURUM

Artikolu 12

Kwalità tal-qamħ durum offrut

1. Il-qamħ durum għandu jkun b'nin, ta' kwalità tajba u li tista' tinbiegħ fis-suq.

2. Biex jiġi determinat li l-qamħ durum ikun b'nin, ta' kwalità tajba u li tista' tinbiegħ fis-suq, għandu jitqies li huwa ta' kwalità mhux mittiefsa. Għalhekk, għandu jirrispetta l-kriterji tal-kwalità eżaminati skont il-karatteristiċi definiti fl-Anness I, Parti A u l-kriterji minimi tal-kwalità għall-qamħ durum li jidhru fl-Anness I Parti B.

Artikolu 13

Kampjunar u analiżi tal-offerti tal-qamħ durum

1. Kull kwantità offruta ta' qamħ durum għandu jitteħdilha kampjun rappreżentattiv bil-għan li jiġu determinati l-karatteristiċi kwalitattivi tagħha, li jikkonsisti f'kampjuni meħuda bir-rata ta' darba għal kull konsenja jew fuq mhux inqas minn kampjun wieħed għal kull sittin tunnellata għal mill-inqas kull sittin tunnellata.

2. L-aġenzija tal-intervent għandha tara li l-karatteristiċi tal-kampjuni meħuda jkun analizzati taħt ir-responsabbiltà tagħha fi żmien għoxrin jum mill-kostituzzjoni tal-kampjun rappreżentattiv.

3. Il-metodi ta' referenza li għandhom jintużaw biex tiġi determinata l-kwalità tal-qamħ durum offrut għall-intervent huma stabbiliti fl-Anness II kif ġej:

— Taqsima A: Metodu standard għad-determinazzjoni ta' materja għajr iċ-ċereali bażi ta' kwalità mhux mittiefsa,

— Taqsima B: Metodu standard biex jiġi determinat il-livell ta' ndewwa tal-qamħ durum,

— Taqsima C: Metodu standard biex jiġi determinat il-livell tal-aspett vitruż tal-qamħ durum,

— Taqsima D: Metodi oħra applikabbli għad-determinazzjoni tal-kwalità tal-qamħ durum.

4. L-Istati Membri għandhom jiċċekkjaw il-livelli ta' kontaminanti, inkluża r-radjoattività, abbażi ta' analiżi tar-riskju, b'qies partikolari tal-informazzjoni mogħtija mill-applikant u l-impenji ta' dan tal-aħħar rigward il-konformità mal-istandards rikjesti, speċjalment fid-dawl tar-riżultati tal-analiżijiet. Jekk ikun meħtieġ, ir-rata u l-ambitu tal-kontrolli għandhom ikunu ddeterminati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, partikolarment fejn il-qagħda tas-suq tista' ġġarrab taqlib serju minħabba l-kontaminanti.

5. L-applikant għandu jieħu fuqu l-ispejjeż marbutin ma':

(a) l-analiżijiet tal-kontaminanti;

(b) it-test tal-attività tal-amilażi (Hagberg);

(c) il-kejl tal-proteina;

(d) l-irtirar tal-prodotti jekk l-analiżijiet juru li l-qamħ durum offrut ma jikkorrispondix għall-kwalità minima meħtieġa għall-intervent.

6. Ir-riżultati tal-analiżijiet għandhom jiġu kkomunikati lill-applikant permezz tar-reġistru tat-teħid tal-pussess kif stipulat fl-Artikolu 18.

7. F'każijiet ta' nuqqas ta' qbil, l-aġenzija tal-intervent għandha ġġiegħel li jerġgħu jitwettqu t-testijiet neċessarji bl-ispejjeż għall-parti telliefa.

8. Fil-każ li l-analiżijiet u l-kontrolli ma jippermettux li jitqies li l-qamħ durum offrut jista' jiġi aċċettat għall-intervent, l-applikant jista' jissostitwixxi l-lott ikkonċernat, sa mhux aktar tard mill-għoxrin jum tax-xogħol wara s-sejba, bla ħsara għad-data ta' skadenza għat-twassil li tissemma fl-Artikolu 10(2). B'deroga mill-Artikolu 11, l-ispejjeż tat-trasport marbuta ma' din is-sostituzzjoni għandhom jiġġarrbu esklussivament mill-applikant.

Artikolu 14

Teħid tal-pussess tal-offerti tal-qamħ durum

1. It-teħid tal-pussess mill-aġenzija tal-intervent, tal-qamħ durum offrut, isir ladarba l-kwantità u l-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12 ikunu ġew ivverifikati mir-rappreżentant tagħha għal-lot kollu, tal-merkanzija pprovduta liċ-ċentru tal-intervent f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13.

2. It-teħid tal-pussess għandu jseħħ sa mhux aktar tard minn sittin jum wara l-aħħar konsenja msemmija fl-Artikolu 10(2), iżda mingħajr ma jinqabeż il-31 ta' Lulju.

Madankollu, fil-każ li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(8), it-teħid tal-pussess għandu jseħħ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAR-ROSS

Artikolu 15

Kwalità tar-ross paddy offrut

1. Ir-ross paddy għandu jkun bnin, ta' kwalità tajba u li tista' tinbiegħ fis-suq.

2. Ir-ross paddy jitqies bħala bnin, ta' kwalità tajba u li tista' tinbiegħ fis-suq jekk:

(a) jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness III, Parti A, f'dak li jirrigwarda r-rendiment bażiku tar-ross għat-tħin, u fl-Anness III, Parti B, f'dak li jirrigwarda l-perċentwali massimi ta' difetti permissibbli;

(b) ikollu kontenut ta' ndewwa li ma jkunx jaqbeż l-14,5 %;

(c) ikun ħieles mill-irwejjaħ u ma fihx insetti ħajjin;

(d) ikollu livell ta' radjuattività li ma jaqbiżx il-livelli massimi permessi mil-leġiżlazzjoni Komunitarja.

Artikolu 16

Teħid ta' kampjuni u l-analiżijiet tal-offerti tar-ross paddy

1. Sabiex jiġu vverifikati r-rekwiżiti tal-kwalità meħtieġa skont l-Artikolu 15 għall-aċċettazzjoni tal-prodott għall-intervent, għandhom jittieħdu kampjuni mill-aġenzija tal-intervent fil-preżenza tal-applikant jew ta' aġent tiegħu, awtorizzat kif xieraq.

Għandhom jinġabru tliet kampjuni rappreżentattivi, kull wieħed jiżen mill-inqas kilogramma. Kull wieħed għandu jmur għand:

(a) l-applikant;

(b) il-maħżen fejn għandu jseħħ it-teħid tal-pussess;

(c) l-aġenzija ta' intervent.

Biex ikunu kkostitwiti l-kampjuni rappreżentattivi, in-numru ta' kampjuni individwali li għandhom jittieħdu għandhom jinkisbu billi ssir diviżjoni tal-lott b'għaxar tunnelli. Kull kampjun individwali għandu jiżen l-istess. Il-kampjuni rappreżentattivi għandhom ikunu kkostitwiti mit-total tal-kampjuni individwali, maqsum bejn tlieta.

Ir-rekwiżiti tal-kwalità mitluba għandhom jiġu vverifikati bl-użu tal-kampjun rappreżentattiv li għandu jmur fil-maħżen fejn għandu jseħħ it-teħid tal-pussess.

2. Kampjuni rappreżentattivi jiġu kkostitwiti għal kull konsenja parzjali (trakk, vettura, vagun), skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

Qabel id-dħul tagħha fil-maħżen tal-intervent, l-eżami ta' kull parti tal-konsenja tista' tkun limitata għal kontroll tal-kontenut tal-indewwa, tal-livell ta' impurità, u tal-preżenza jew nuqqas ta' insetti ħajjin. Madankollu, jekk aktar tard meta l-kontroll ikun intemm jirriżulta li parti mill-konsenja ma tissodisfax ir-rekwiżiti minimi tal-kwalità, il-lott għandu jiġi miċħud għat-teħid tal-pussess. Il-lott kollu għandu jiġi rtirat. L-applikant għandu jħallas l-ispejjeż ta' din l-operazzjoni.

Jekk l-aġenzija tal-intervent fi Stat Membru tkun kapaċi tikkontrolla r-rekwiżiti minimi kollha tal-kwalità għal kull parti ta' konsenja qabel ma tidħol fil-maħżen, hija għandha tirrifjuta t-teħid tal-pussess ta' kull parti ta' konsenja li tonqos milli tisso-disfa dawn ir-rekwiżiti.

3. Ir-ross għandu jiġi mmonitorjat għall-kontaminazzjoni radjuattiva biss jekk is-sitwazzjoni titlob hekk u għall-perjodu meħtieġ. Fejn ikun meħtieġ, it-tul u l-għan tal-kontrolli għandhom ikunu ddeterminati skont il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

4. Ir-riżultati tal-analiżijiet għandhom jiġu kkomunikati lill-applikant fir-reġistru tat-teħid tal-pussess kif stipulat fl-Artikolu 18.

5. F'każijiet ta' nuqqas ta' qbil, l-aġenzija tal-intervent għandha ġġiegħel li jergġhu jitwettqu t-testijiet neċessarji taċ-ċereali kkonċernati, bi spejjeż tal-parti telliefa.

L-analiżi l-ġdida għandha ssir minn laboratorju approvat mill-aġenzija tal-intervent fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv ġdid, ikkostitwit, f'partijiet ugwali, minn kampjuni rappreżentattivi miżmuma mill-applikant u mill-aġenzija tal-intervent. Fil-każ ta' konsenji parzjali tal-lott offrut, ir-riżultati għandu jinkiseb mill-medja ppeżata tar-riżultati tal-analiżi tal-kampjuni rappreżentattivi ġodda ta' kull parti tal-konsenja.

6. Fil-każ li l-analiżijiet ma jippermettux li r-ross paddy offrut jitqies aċċettabbli għall-intervent, l-applikant jista' jissostiwixxi l-lott ikkonċernat, sa mhux aktar tard mill-għoxrin jum tax-xogħol wara l-ħruġ tar-riżultati tal-analiżijiet, bla ħsara għad-data ta' skadenza għat-twassil imsemmija fl-Artikolu 10(2). B'deroga mill-Artikolu 11, l-ispejjeż tat-trasport biex issir din is-sostituzzjoni għandhom jiġġarrbu esklussivament mill-applikant.

Artikolu 17

Teħid tal-pussess tal-offerti tar-ross paddy

1. Ir-ross offrut għandu jittieħed mill-aġenzija ta' intervent meta l-kwantità minima u l-karatteristiċi stabbiliti fl-Artikoli 3 u 15 ikunu ġew stabbiliti mir-rappreżentant tagħha għall-prodotti kkonsenjati lill-aġenzija tal-intervent, skont l-Artikolu 16.

2. It-teħid tal-pussess għandu jseħħ sa mhux aktar tard minn sittin jum wara l-aħħar konsenja msemmija fl-Artikolu 10(2), iżda mingħajr ma jinqabeż it-30 ta' Settembru.

Madankollu, fil-każ li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16(6), it-teħid tal-pussess għandu jseħħ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI GĦAT-TEĦID TAL-PUSSESS, GĦALL-KONTROLLI U GĦALL-KOMUNIKAZZJONIJIET*Artikolu 18***Reġistru tat-teħid tal-pussess**

1. Reġistru tat-teħid tal-pussess għandu jiġi stabbilit, għal kull offerta, mill-aġenzija tal-intervent kompetenti għall-approvazzjoni tal-postijiet tal-ħżin li għalihom l-offerta ssir bl-inqas spejjeż. L-applikant jew l-aġent tiegħu/tagħha jista' jkun preżenti meta jkun qed jitħejja r-reġistru.

Ir-reġistru għandu jindika għall-inqas:

- (a) l-għadd ta' kampjuni meħuda li jikkostitwixxu l-kampjun rappreżentattiv,
- (b) id-dati li fihom ikunu ġew kontrollati l-kwantità u l-karatteristiċi tal-lott,
- (c) il-piż tal-konsenja kif ukoll il-varjeta' tar-ross,
- (d) il-karatteristiċi tal-lott, skont ir-riżultati tal-analiżijiet,
- (e) l-aġenzija responsabbli mill-analiżijiet.

Dan ir-reġistru għandu jkun iddatat u ffirmat mill-aġenzija tal-intervent u minn min iżomm il-kotba tal-maħżen.

2. Ir-reġistru tat-teħid tal-pussess jista' jiġi stabbilit mill-waqt li fih jittieħed pussess ta' 95 % tal-kwantità offruta.

*Artikolu 19***Iffissar tal-prezz li għandu jitħallas lill-applikant u l-ħlas**

1. Il-prezz li għandu jitħallas lill-applikant huwa l-prezz offrut imsemmi fl-Artikolu 4(2)(a) vi ta' dan ir-Regolament, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11 u ta' żidiet jew tnaqqisiet eventwali msemmija fl-Anness IV tiegħu, għall-qamħ durum u għall-Anness V, għar-ross paddy, inkella stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 18(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

2. Il-ħlas għandu jsir sa mhux aktar tard mill-ħamsa u tletin jum wara dak tat-teħid tal-pussess, kif definit, skont il-każ fl-Artikoli 14 u 17.

Fejn japplika l-Artikolu 13(7) għal dak li jirrigwarda l-qamħ durum, jew inkella l-Artikolu 16(5) f'dak li jirrigwarda r-ross paddy, il-ħlas għandu jsir mill-aktar fis possibbli wara li r-riżultati tal-aħħar test ikunu ġew notifikati lill-applikant.

Meta l-applikanti għandhom jippreżentaw fattura qabel ma jkunu jstgħu jitħallsu, u meta din il-fattura mhix ippreżentata fil-limitu ta' żmien stipulat fl-ewwel subparagrafu, il-ħlas għandu jsir fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-preżentazzjoni proprja tal-fattura.

*Artikolu 20***Miżuri ta' kontroll**

1. Bla ħsara għall-kontrolli skont dan ir-Regolament għat-teħid tal-pussess tal-prodotti, il-kontrolli fuq l-istokkijiet tal-

intervent għandhom isiru skont il-kundizzjonijiet definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 884/2006.

2. Fejn il-kontrolli għandhom jitwettqu abbażi tal-analiżi tar-riskju msemmija fl-Artikolu 13(4), l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-konsegwenzi finanzjarji ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-livell massimu permissibbli ta' kontaminanti skont ir-Regoli stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 884/2006.

Madankollu, fil-każ tal-okratossina A u l-aflatossina, jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' jagħti prova għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni li l-istandards kienu ntlaħqu mad-dħul, li tħarsu kundizzjonijiet normali tal-ħżin u li l-impenji l-oħra ta' min iżomm il-ħażna kienu rispettati, ir-responsabbiltà finanzjarja għandha taq' fuq il-baġit tal-Komunità.

3. Fil-każ li l-post tal-ħżin deżinjat f'konformità mal-Artikolu 4(2)(a)(iii) jinsab fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih titressaq l-offerta, u l-aġenzija tal-intervent li tkun irċeviet l-offerta tiddeċiedi li tagħmillu kontroll fuq il-post għall-preżenza effettiva tal-prodotti, din għandha tippreżenta talba għal kontroll lill-aġenzija tal-intervent kompetenti għal dan il-post tal-ħżin, flimkien ma' kopja tal-offerta. Il-kontroll fuq il-post għandu jsir fiż-żmien stabbilit mill-aġenzija tal-intervent li tkun irċeviet l-offerta.

*Artikolu 21***Regoli nazzjonali**

L-aġenziji tal-intervent għandhom, fejn meħtieġ, jadottaw proċeduri addizzjonali u kondizzjonijiet dwar it-teħid ta' pussess, kompatibbli ma' dan ir-Regolament sabiex iqisu kull kondizzjoni speċjali li teżisti fl-Istat Membru ikkondidrat.

*Artikolu 22***Komunikazzjoni tat-teħid tal-pussess lill-Kummissjoni u lill-aġenziji tal-intervent**

1. Kull Stat Membru għandu jikkomunika, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 24, sa mhux aktar tard minn kull nhar t'Erbgħa fis-14:00 (ħin ta' Brussell) għall-ġimgħa preċedenti, skont il-prodott, u jekk ikun il-każ, skont it-tip ta' prodotti:

- (a) il-kwantitajiet totali li jikkorrispondu għall-offerti aċċettati għall-finijiet tal-Artikolu 8;
- (b) il-kwantitajiet totali li jikkorrispondu għall-offerti mħassra f'konformità mal-Artikolu 5(2), it-tieni subparagrafu;
- (c) il-kwantitajiet totali aċċettati u mhux konsenjati fil-perjodi stabbiliti fl-Artikolu 10;
- (d) il-kwantitajiet totali li ma jissodisfawx il-karatteristiċi minimi rekwiżiti għat-teħid tal-pussess;
- (e) il-kwantitajiet totali meħuda fil-pussess.

2. Kull Stat Membru għandu jikkomunika, fil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 24, sa mhux aktar tard minn tmien ix-xahar wara l-iskadenza għat-teħid imsemmija fl-Artikolu 14(2) ta' dan ir-Regolament, skont ir-regġun kif stabbilit fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 dwar informazzjoni tal-istatistika li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri dwar produzzjoni ta' ċereali⁽¹⁾, ir-riżultati medji tal-piż speċifiku, tal-kontenut ta' ndewwa, tal-perċentwal ta' hħub miksura u tal-kontenut ta' proteini reġistrati għal kwantitajiet ta' qamħ li jkunu tteħdu.

3. L-iskambju tal-informazzjoni bejn l-aġenziji tal-intervent, dwar il-kontroll imsemmi fl-Artikolu 20(3), għandu jsir b'mezzi elettroniċi, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 24.

Artikolu 23

Komunikazzjoni mill-aġenziji tal-intervent u miċ-ċentri tal-intervent approvati lill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 24, l-informazzjoni li ġejja:

- (a) dwar l-aġenziji tal-intervent approvati, imsemmija fl-Artikolu 1, u
- (b) dwar l-aġenziji tal-intervent approvati, imsemmija fl-Artikolu 2, u l-postijiet tal-hħin tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (is-serje C) il-lista tal-aġenziji tal-intervent imsemmija fl-Artikolu 1(2).

3. L-emendi magħmula lil-lista taċ-ċentri tal-intervent u l-postijiet tagħhom tal-hħin, imsemmija fl-Artikolu 2(3), u l-lista tal-aġenziji tal-intervent, imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri u tal-pubbliku b'kull mezz tekniku xieraq permezz tas-sistemi tal-informazzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni, inkluż permezz tal-pubblikazzjoni fuq l-Internet.

Artikolu 24

Metodu applikabbli għal komunikazzjoni

1. Il-komunikazzjonijiet u l-iskambji tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, previsti minn dan ir-Regolament, għandhom isiru b'mezzi elettroniċi, permezz tas-sistemi tal-informazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti mill-Kummissjoni jew l-Istati Membri.

2. Id-dokumenti kkonċernati huma stabbiliti u trażmessi permezz tal-proċeduri stabbiliti minn dawn is-sistemi tal-informazzjoni.

3. Il-forma u l-kontenut tad-dokumenti jiġu definiti fuq il-bażi tal-mudelli jew tal-metodi mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-utenti permezz tal-intermedjarju tas-sistemi tal-informazzjoni. Dawn il-mudelli u l-metodi jiġu adattati u aġġornati skont l-informazzjoni mill-Kumitat għall-Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli.

4. Id-dejta marbuta mal-Komunikazzjonijiet għandha tiddaħħal u tiġi aġġornata fis-sistemi tal-informazzjoni, taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, f'konformità mad-drittijiet tal-aċċess allokati minn dawn l-awtoritajiet.

⁽¹⁾ ĠU L 88, 3.4.1990, p. 1.

KAPITOLU V

EMENDI, REVOKI U DISPOŻIZZJONIJET FINALI

Artikolu 25

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 428/2008

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2008, titneħħa l-kollona (4) rigward il-qamħ durum.

Artikolu 26

Emendi tar-Regolament (KE) Nru 687/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 687/2008 hu emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Matul il-perjodi msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, kwalunkwe detentur ta' kwantità omoġenja ta' mhux anqas minn 80 tunnellata ta' qamħ komuni, xgħir, qamħirrum jew sorgu, maħsud fil-Komunità, għandu jkollu d-dritt joffri l-kwantità lill-aġenzija ta' intervent.”;

(2) Fl-Artikolu 4, paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, punt a) jinbidel b'dan li ġej:

“(a) għall-qamħ komuni, daww permezz skont ir-Regolament (KEE) Nru 315/93, inklużi r-rekwiżiti rigward il-livell tat-tossina *Fusarium* għall-qamħ komuni stipulati fil-punti 2.4 sa 2.7 tal-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 (*);

(*) ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5.”

(3) Fl-Artikolu 5, il-punt h) jitħassar;

(4) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu (2)(c) jinbidel b'dan li ġej:

“(c) id-determinazzjoni tal-kontenut ta' proteina fil-qamħ komuni;”

(5) L-Artikolu 10 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punti (c) u (d) jinbidlu b'li ġej:

“(c) fejn il-perċentwal ta' hħub miksura jaqbeż 3 % għall-qamħ komuni u x-xgħir, u 4 % għall-qamħirrum u s-sorgu, għal kull 0.1 punt perċentwali addizzjonali għandu jkun applikat tnaqqis ta' EUR 0,05;

(d) fejn il-perċentwal ta' impuritajiet tal-hħub jaqbeż 4 % għall-qamħirrum u s-sorgu, u 5 % għall-qamħ komuni u x-xgħir, għal kull 0.1 punt perċentwali addizzjonali għandu jkun applikat tnaqqis ta' EUR 0,05.”;

(b) il-punt f) jinbidel b'dan li ġej:

“(f) fejn il-perċentwal ta' impuritajiet varji (*Schwarzbesatz*) jaqbeż 1 % għall-qamħ komuni, ix-xgħir, il-qamħirrum u s-sorgu, għal kull 0,1 punt perċentwali addizzjonali għandu jkun applikat tnaqqis ta' EUR 0,1.”;

(c) il-punt g) għandu jkun imħassar;

(6) Fl-Anness I, il-kolonna "Qamħ durum" titħassar;

(7) L-Anness II jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt 1.2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt a) tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Jitqiesu bħala hbuw mixruba l-hbuw li, wara li mill-kampjun tkun eliminata l-materja kollha msemmija f'dan l-Anness, jgħaddu minn għeriebel b'fetħiet tad-dimensjonijiet li ġejja: qamħ komuni 2,0 mm, xgħir 2,2 mm."

(ii) fil-punt d), it-tieni subparagrafu jitħassar;

(b) il-punt 1.3 jinbidel b'dan li ġej:

1.3. Hbuw bin-nebbieta

Hbuw bin-nebbieta huma daww li fihom ix-xenxul żgħir jew il-pjumetta jidhru ċar lill-għajn mhux assistita. Madankollu, meta l-kontenut ta' kampjun ikun qed jiġi vvalutat, jeħtieġ li titqies id-dehra ġenerali tal-kampjun. F'xi tipi ta' ċereali, ir-raħs ikun protruberanti, u t-tegment tar-raħs jinqasam meta l-lott ta' ċereali jitheżżeż. Dawn il-hbuw jixbhu lil daww bin-nebbieta, imma ma għandhomx jiddaħħlu f'dak il-grupp. Il-hbuw bin-nebbieta huma biss daww fejn ir-raħs ikun għadda minn tibdiliet li jidhru ċar, li jagħmluha faċli tiddistingwi l-hbuw bin-nebbieta minn daww normali."

(c) il-punt 2.1 jitħassar;

(8) Fl-Anness, il-punt 1 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2009.

"Għall-qamħ komuni u x-xgħir, kampjun medju ta' 250 g għandu jingħadda minn żewġ għeriebel, wieħed b'fetħiet ta' 3,5 mm u l-ieħor b'fetħiet ta' 1,0 mm, għal nofs minuta kull wieħed."

(b) is-seba' subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-kampjun parzjali għandu jingħadda għal nofs minuta minn għarbiel b'fetħiet ta' 2,0 mm għall-qamħ komuni, u 2,2 mm għax-xgħir. Il-materja li tgħaddi minn dan l-għarbiel għandha titqies bħala hbuw mixruba. Il-hbuw danneġġati mill-ġlata u l-hbuw hodur mhux maturi għandhom jaqgħu fil-grupp 'hbuw mixrub'."

(9) L-Anness VI għandu jiġi mħassar.

Artikolu 27

Revoka

Ir-Regolament (KE) Nru 489/2005 huwa revokat b'effett mill-1 ta' Settembru 2009.

Kull referenza għar-Regolament imħassar għandhom jinftehmha bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VI.

Artikolu 28

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2009 għall-qamħ durum, u mill-1 ta' Settembru 2009 għas-settur tar-ross.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membre tal-Kummissjoni

ANNEX I

(L-Artikolu 12 (2))

PARTI A

1. DEFINIZZJONI TAL-KARATTERISTIĊI LI GĦANDHOM JIĠU EŻAMINATI BIEX IĊ-ĊEREALI JITQIESU LI HUMA TA' KWALITÀ MHUX MITTIEFSA**1.1. Ħbub miksura**

Kull ħabba li l-endosperma tagħha tkun parzjalment mikxufa għandha titqies bħala ħabba miksura. Il-ħbub danneġġati bid-dris u l-ħbub li minnu jkun tneħħa r-raħs ukoll jaqgħu f'dan il-grupp.

1.2. Impuritajiet tal-ħbub**(a) ħbub mixruba:**

Ħbub li, wara li mill-kampjun tkun eliminata l-materja kollha msemmija f'dan l-Anness, jgħaddu minn għeriebel b'fetħiet tad-dimensjonijiet li ġejja: qamħ durum 1,9 mm.

Il-ħbub li wara l-eliminazzjoni tal-materja kollha msemmija f'dan l-Anness, jgħaddu minn għeriebel b'fetħiet ta' 2,0 mm.

Barra minn hekk, ħbub danneġġati bil-ġlata u ħbub mhux maturi (ħodor) jaqgħu f'dan il-grupp tal-ħbub mixruba;

(b) ċereali oħra:

"Ċereali oħra", tfisser il-ħbub kollha li ma jaqgħux fl-ispeċi taċ-ċereali li minnha ttieħed il-kampjun;

(c) ħbub danneġġati mill-organiżmi ta' ħsara:

Il-ħbub kollha bil-ħsara mill-organiżmi ta' ħsara huma l-ħbub kollha li jkunu tnaqqru. Il-ħbub imdewda wkoll jaqgħu f'dan il-grupp;

(d) ħbub bir-raħs skulurit, ħbub imtebbgħa, ħbub milquta bil-fusarjożi:

Il-ħbub bir-raħs skulurit huma dawk li fihom it-tegment ikun kannella jew kannella jagħti fl-iswed u li fihom ir-raħs ikun normali u mhux inebbet.

Għall-qamħ durum:

— jitqiesu bħala ħbub imtebbgħa, il-ħbub li juru skolorament kannella sa kannella tagħti fl-iswed fi mkejjen oħra għajr fir-raħs innifsu,

— jitqiesu bħala ħbub affettwati bil-fusarjożi, dawk il-ħbub li l-perikarpu tagħhom ikun ikkunsmat bil-*Fusarium mycelium*; ħbub ta' dan it-tip jidhru kemxejn mixruba, imkemmxa u għandhom tbajja' diffużi roża jew bojod ta' għamla xejn definita;

(e) il-ħbub li jkunu ssaħħnu wisq waqt it-tnixxif huma dawk li juru sinjali esteri ta' ħruq superfiċjali imma li mhumiex ħbub danneġġati.**1.3. Ħbub bin-nebbieta**

Ħbub bin-nebbieta huma dawk li fihom ix-xenxul żgħir jew il-pjumetta jidhru ċar lill-għajn mhux assistita. Madankollu, meta l-kontenut ta' kampjun ikun qed jiġi vvalutat, jeħtieġ li titqies id-dehra ġenerali tal-kampjun. F'xi tipi ta' ċereali, ir-raħs ikun protruberanti, eż. fil-qamħ durum, u t-tegment tar-raħs jinqasam meta l-lott ta' ċereali jitteżżez. Dawn il-ħbub jixbhu lil dawk bin-nebbieta, imma ma għandhomx jiddaħħlu f'dak il-grupp. Il-ħbub bin-nebbieta huma biss dawk fejn ir-raħs ikun għadda minn tibdilet li jidhru ċar, li jagħmluha faċli tiddistingwi l-ħbub bin-nebbieta minn dawk normali.

1.4. Impuritajiet varji (Schwarzbesatz)

Il-ħbub ta' ċereal bażiku li jkollhom il-ħsara, affettwati mis-sadid jew imnawra għandhom jiġu klassifikati fil-kategorija "impuritajiet varji" saħansitra jekk ikollhom difetti li jappartjenu għal kategoriji oħra.

(a) *ħbub barranin:*

Ħbub barranin huma ħbub ta' pjanti, ikkultivati inkella mhumiex, minbarra ċ-ċereali. Dawn il-ħbub barranin huma kkostitwiti minn ħbub bla valur ta' rkupru, ħbub li jintużaw fl-għalf u ħbub velenużi.

"Ħbub velenużi" tfisser ħbub li huma tossiċi għall-bniedem u għall-annimali, ħbub li jfixxlu jew itellfu it-tindif jew it-tħin taċ-ċereali u ħbub li jaffettwaw il-kwalità ta' prodotti pproċessati miċ-ċereali;

(b) *ħbub danneġġati:*

"Ħbub danneġġati" huma dawġ li saru mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem u, f'dak li jirrigwarda ċ-ċereali għall-għalf, minħabba t-taħsir, il-moffa jew kawżi batterjali jew ta' tip ieħor.

Il-ħbub danneġġati jinkludu wkoll ħbub danneġġati bil-ġenerazzjoni spontanja tas-sħana jew inkella bit-tisħin żejjed waqt it-tnixxif. Dawn il-ħbub "imsaħna" jew "bin-nugrufun" huma ħbub li kibru għal kollox li fihom it-tegment ikollu lewn kannella griż sa iswed, filwaqt li s-sezzjoni tal-qalba jkollha lewn isfar fil-griż sa kannella fl-iswed.

Ħbub attackati mid-dudu tal-qamħ għandhom jitqiesu bħala ħbub danneġġati biss meta aktar minn nofs il-wiċċ tal-ħabba jkollu lewn griż sa iswed bħala riżultat ta' attack krittogamu sekondarju. Fejn l-iskolorament ikopri anqas minn nofs il-wiċċ tal-ħabba, jeħtiġilhom ikunu kklassifikati mal-ħbub danneġġati minn organiżmi ta' ħsara;

(c) *materja barranija:*

Għandha titqies bħala materja barranija kwalunkwe materja f'kampjun ta' ċereali li jibqa' f'għarbiel b'fetħiet ta' 3,5 mm (bl-eċċezzjoni ta' ħbub għajr iċ-ċereali u partikolarment ħbub kbar taċ-ċereali bażi) u dik li tgħaddi minn għarbiel b'fetħiet ta' 1,0 mm. Inklużi f'dan il-grupp huma wkoll iż-żrar, ir-ramel, frammenti tal-ħuxlief u impuritajiet oħra fil-kampjuni li jgħaddu minn għarbiel b'fetħiet ta' 3,5 mm u jinżammu minn għarbiel b'fetħiet ta' 1,0 mm;

(d) *qxur;*(e) *sadid;*(f) *ħbub imħassra;*(g) *insetti mejta u frammenti ta' insetti.***1.5. Organiżmi ta' ħsara ħajjin****1.6. Ħbub imtebbgħa li jkunu tilfu l-aspett vitruż tagħhom (mitadiné jew piebald)**

Ħbub tal-qamħ durum li jtilfu l-aspett vitruż huma ħbub li l-qalba tagħhom ma tistax titqies bħala kompletament vitruża.

1.7. Kulur taċ-ċereal

Il-kulur taċ-ċereal huwa partikolari għal dan iċ-ċereal, li jkun ħieles minn irwejjaħ mhux normali u minn organiżmi ta' ħsara ħajjin (inklużi d-dud) f'kull stadju tal-iżvilupp tagħhom.

1.8. Kontaminanti

Il-livelli massimi ammissibbli ta' kontaminanti, inklużi ta' radjuattività, skont il-liġijiet Komunitarji m'għandhomx jaqbużu l-livelli stabbiliti skont ir-Regolament (KEE) Nru 315/93, inklużi r-rekwiżiti tal-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ⁽¹⁾.

2. FATTURI SPEĊIFIĊI LI GħANDHOM JITQIESU GħAD-DEFINIZZJONI TAL-IMPURITAJIET TAL-QAMĦ DURUM

"Impuritajiet tal-ħbub" tfisser ħbub mixruba, ħbub ta' ċereali oħra, ħbub danneġġati minn organiżmi ta' ħsara, ħbub b'raħs skulurit, ħbub imtebbgħa, ħbub affettwati bil-fusarjożi u ħbub li jkunu ssaħħnu wisq waqt it-tnixxif.

"Impuritajiet varji" tfisser ħbub barranin, ħbub danneġġati, materja barranija, qxur, sadid, ħbub imħassra, insetti mejta u frammenti ta' insetti mejta.

⁽¹⁾ ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5.

PARTI B

KRITERJI TAL-KWALITÀ MINIMA TAL-QAMĦ DURUM

A. Kontenut massimu ta' ndewwa	14,5 %
B. Perċentwal massimu ta' materja li mhijjex iċ-ċereali bażi ta' kwalità mhux mittiefsa, li minnu hemm massimu ta':	12 %
1. Ħbub miksura	6 %
2. Impuritajiet li jikkonsistu fi ħbub (għajr daww indikati fil-punt 3)	5 %
li minnhom:	
(a) ħbub mixruba	
(b) ċereali oħra	3 %
(c) ħbub danneġġati minn organiżmi ta' ħsara	
(d) ħbub bir-raħs skulurit	
(e) ħbub li ssaħħnu wisq matul it-tnixxif	0,50 %
3. Ħbub imtebbgħa u/jew ħbub affettwati mill-fusarjożi	5 %
li minnhom:	
— ħbub affettwati mill-fusarjożi	1,5 %
4. Ħbub bin-nebbieta	4 %
5. Impuritajiet varji (<i>Schwarzbesatz</i>),	3 %
li minnhom:	
(a) ħbub barranin:	
— velenużi	0,10 %
— oħrajn	
(b) ħbub danneġġati:	
— Ħbub danneġġati bit-tisħin spontanju jew b'wisq tisħin waqt it-tnixxif	0,05 %
— oħrajn	
(c) materja barranija	
(d) qxur	
(e) sadid	0,05 %
(f) ħbub imħassra	
(g) insetti mejta u frammenti ta' insetti	
C. Perċentwal massimu ta' ħbub li tilfu l-aspett vitruż tagħhom, anke jekk parzjalment	27 %
D. Kontenut massimu ta' tannin ⁽¹⁾	—
E. Piż speċifiku minimu (kg/hl)	78
F. Livell Minimu ta' proteini ⁽¹⁾ :	11,5 %
G. Il-ħin minimu tal-waqgħa f'sekondi (Hagberg)	220
H. Indiċi minimu Zélény (ml)	—

— : mhux applikabbli.

⁽¹⁾ Bħala % ta' materja niexfa.

ANNEX II

(Artikolu 13(3))

PARTI A

1. METODU STANDARD GĦAD-DETERMINAZZJONI TA' MATERJA GĦAJR IĊ-ĊEREALI BAŻI TA' KWALITÀ MHUX MITTIEFSA

Il-metodu ta' referenza stabbilit biex jiġu determinati materjali oħra għajr iċ-ċereali tal-kwalità bla mittiefsa huwa dan spjegat hawn taħt:

- 1.1 Għall-qamħ durum, kampjun medju ta' 250 g għandu jingħadda minn żewġ għeriebel, wieħed b'fetħiet ta' 3,5 mm u l-ieħor b'fetħiet ta' 1,0 mm, għal nofs minuta kull wieħed.

Biex ikun żgurat ċaqliq kostanti, tajjeb li jintuża għarbiel mekkaniku, eż. mejda li tivvibra b'għeriebel imwahnha magħha.

Il-materja li tibqa' fl-għarbiel b'fetħiet ta' 3,5 mm u dik li tgħaddi mill-għarbiel b'fetħiet ta' 1,0 mm għandhom jintiżnu flimkien u jitqiesu bħala materja barranija. Fejn il-materja li tibqa' fl-għarbiel b'fetħiet ta' 3,5 mm tkun tinkludi partijiet li jaqgħu fil-grupp "ċereali oħra" jew hbu b'partikolarment kbar taċ-ċereali bażi, dawk il-partijiet għandhom jerġgħu jiddaħħlu fil-kampjun mgħarbul. Matul it-tgħarbil fl-għarbiel b'fetħiet ta' 1,0 mm, għandu jsir eżami attent għall-organiżmi ta' ħsara ħajjin.

Mill-kampjun mgħarbul, għandu jittieħed kampjun ta' 50 sa 100 g bl-użu ta' separatur. Dan il-kampjun parzjali għandu jintiżen.

Il-kampjun parzjali mbaġhad għandu jinfirx fuq mejda u, bl-użu ta' pinzetta jew spatula tal-qarn jinħarġu minnu hbu b'miksura, ċereali oħra, hbu b'bin-nebbieta, hbu b'danneġġati minn organiżmi ta' ħsara, hbu b'danneġġati mill-għata, hbu b'bir-raħs skulurit, hbu b'imtebbgħa, hbu b'barranin, sadid, hbu b'danneġġat, hbu b'imħassar, qxur, organiżmi ta' ħsara ħajjin u insetti mejta.

Fejn il-kampjun parzjali jinkludi hbu b'li għadhom fil-qoxra, għandhom jitqaxxu bl-id u l-qxur li jinkiseb b'dan il-mod jitqiesu bħala biċċiet ta' qxur. Iż-żrar, ramel u frammenti tal-ħuxlief għandhom jitqiesu bħala materja barranija.

Il-kampjun parzjali għandu jingħadda għal nofs minuta minn għarbiel b'fetħiet ta' 1,9 mm għall-qamħ durum. Il-materja li tgħaddi minn dan l-għarbiel għandha titqies bħala hbu b'mixruba. Il-hbu b'danneġġati mill-għata u hbu b'ħodor mhux maturi għandhom jaqgħu fil-grupp "hbu b'mixruba".

- 2.2 Gruppi ta' materja għajr iċ-ċereali bażi ta' kwalità bla mittiefsa, determinati skont il-metodi msemmija fil-punt 1 għandhom jintiżnu b'attenzjoni kbira sal-eqreb 0,01 g u distribwiti skont il-perċentwali fil-kampjun komprensiv. L-informazzjoni mniżżla f'dan ir-rapport għandha tingħata sal-eqreb 0,1 %. Għandu jsir eżami għall-organiżmi ta' ħsara ħajjin.

B'regola ġenerali, għandhom isiru żewġ analizzjiet għal kull kampjun. Ma għandhomx ikunu diverġenti b'aktar minn 10 % fir-rigward tat-total tal-materja msemmija hawn fuq.

- 3.3 L-apparat li għandu jintuża għall-operazzjonijiet imsemmija f'1 u 2 huwa kif ġej:

a) separatur tal-kampjuni, eż. apparat koniku jew bil-fdewwex;

b) miżien ta' preċiżjoni jew tat-testijiet;

c) għeriebel b'fetħiet għat-tul ta' 1,0 mm, 1,8 mm, 1,9 mm, 2,0 mm, 2,2 mm u 3,5 mm u għeriebel b'fetħiet tondi li għandhom dijametru ta' 1,8 mm u 4,5 mm. L-għeriebel jistgħu jitwahnha ma' mejda li tivvibra.

PARTI B

2. METODU STANDARD GĦALL-ITTESTJAR TAL-KONTENUT TA' NDEWWA TAL-QAMĦ DURUM

Il-metodu standard biex jiġi determinat il-livell ta' ndewwa tal-qamħ durum huwa dak li jissema hawn taħt. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw metodi oħra bażati fuq l-istess prinċipju inkella l-metodu ISO 712:1998 jew metodu bażat fuq teknoloġija infra-red. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, jiġu aċċettati biss ir-riżultati tal-metodu fl-Anness II, Parti B.

2.1. Prinċipju

Il-prodott jitnixxef f'temperatura ta' 130 sa 133 °C bi pressjoni atmosferika normali, għal perjodu adegwat għad-daqs tal-partikoli.

2.2. Kopertura

Dan il-metodu ta' tnixxif japplika għal ċereali mišhuqa f'partikoli li minnhom talenqas 50 % jgħaddu minn għarbiel b'fetħiet ta' 0,5 mm u ma jħallux aktar minn 10 % residwu fuq għarbiel b'fetħiet tondi ta' 0,1 mm. Japplika wkoll għad-dqiq.

2.3. Apparatt

Miżien ta' preċiżjoni.

Mashaq magħmul minn materjal li ma jassorbix l-ndewwa, jitnaddaf faċilment, jippermetti li s-sħiq isir malajr u mingħajr tisħin eċċessiv, jillimita għall-minimu l-kuntatt mal-arja ta' barra, u jissodisfa r-rewżiti msemmija fil-punt 2 (eż. mashaq romblu li jinqala').

Reċipjent tal-metall li ma jikkorrodix jew tal-ħġieġ, b'għatu li jagħlaq ermetikament b'mod adegwat; superfiċje tax-xogħol li tippermetti li l-kampjun jinfirex f'saff ta' 0,3 g kull cm².

Forn iżotermiku elettriku għat-tisħin, aġġustat għal temperatura ta' 130 sa 133 °C⁽¹⁾ b'ventilazzjoni adegwata⁽²⁾.

Dessikatur bi platt tal-metall, jew fin-nuqqas tal-metall, tax-xaqquf (oħxon u perforat), li jkun fih aġent tat-tnixxif adegwat.

2.4. Proċedura

It-tnixxif

Iżen sal-eqreb 1 mg kwantità kemxejn akbar minn 5 g taċ-ċereali mišhuqa ta' hbuż żgħar jew 8 g tal-qamħirrum mišhuq fir-reċipjent li jkun intiżen qabel. Qiegħed ir-reċipjent fl-ispażju tat-tisħin fil-forn, imsaħħan għal temperatura ta' 130 sa 133 °C. Dan għandu jsir malajr kemm jista' jkun, biex ma jitħallix li t-temperatura tonqos wisq. Ħalli ċ-ċereali bi hbuż żgħar jinxfu għal sagħtejn (2hr), u l-qamħirrum għal 4 sigħat, wara li l-ispażju tat-tisħin jerġa' jilħaq temperatura ta' 130 sa 133 °C. Neħħi r-reċipjent mill-ispażju tat-tisħin, qiegħed l-għatu malajr, ħalli jibred għal 30 sa 45 minuta f'dessikatur u iżen (sal-eqreb 1 mg).

2.5. Metodu ta' kalkolu u formuli

E	=	il-massa inizjali tal-kampjun tat-test, fi grammi
M	=	il-massa tal-kampjun tat-test wara l-preparazzjoni, fi grammi
M'	=	il-massa tal-kampjun tat-test wara s-sħiq, fi grammi
m	=	il-massa tal-kampjun tat-test niexef, fi grammi.

⁽¹⁾ It-temperatura tal-arja ġewwa l-ispażju tat-tisħin fil-forn.

⁽²⁾ Il-kapaċità tiegħu għat-tisħin għandha tkun tali li meta jkun aġġustat għal temperatura ta' 130 sa 133 °C; dik it-temperatura tista' terġa' tintlaħaq faqqas minn 45 minuta wara l-għadd massimu ta' kampjuni ta' ttestjar li jkunu tqiegħdu f'dak il-forn biex jitnixxfu fl-istess waqt. Il-ventilazzjoni trid tkun tali li, meta ċ-ċereali bi hbuż żgħar (il-qamħ komuni, il-qamħ durum, ix-xgħir u s-sorgu) jitnixxfu għal sagħtejn (2) u l-qamħirrum għal erba' (4) sigħat, ir-riżultati mill-kampjuni ta' ttestjar tas-semolina jew, skont il-każ, tal-qamħirrum li l-ispażju tat-tisħin jista' jilqa' fih ikun diverġenti biss b' 0,15 % mir-riżultati miksuba wara t-tnixxif taċ-ċereali bi hbuż żgħar għal tliet (3) sigħat u l-qamħirrum għal ħames (5) sigħat.

Il-kontenut ta' ndewwa bħala perċentwal tal-prodott huwa ugwali għal:

— mingħajr preparazzjoni minn qabel $(E - m) \times 100/E$,

— bi preparazzjoni minn qabel $[(M' - m)M/M' + E - M] \times 100/E = 100 (1 - Mm/EM')$.

It-test għandu jsir tal-anqas darbtejn.

2.6. Ripetizzjoni

Id-differenza bejn il-valuri miksuba miż-żewġ determinazzjonijiet imwettqa mill-istess analista fl-istess ħin jew inkella f'it ħin wara xulxin ma għandhiex taqbeż 0,15 g ta' ndewwa għal kull 100 g tal-kampjun. Jekk dan il-valur jinqabeż, id-determinazzjonijiet għandhom jergħu jsiru

PARTI C

3. METODU STANDARD GĦALL-ITTESTJAR TAL-KONTENUT TA' NDEWWA TAL-QAMĦ DURUM

Il-metodu standard biex jiġi determinat l-aspett vitruż tal-qamħ durum huwa dak li jissemma hawn taħt:

3.1. Prinċipju

Tintuża biss parti mill-kampjun għad-determinazzjoni tal-perċentwal tal-ħbub li tilfu, għal kollox jew parzjalment, l-aspett vitruż tagħhom. Il-ħbub jitqattgħu permezz ta' apparat tat-tqattigħ tal-ħbub Pohl jew bi strument ekwivalenti.

3.2. Apparat

— Apparat Pohl għat-tqattigħ tal-ħbub jew strument ekwivalenti,

— pinzetti, lanzetta,

— trej jew dixx.

3.3. Proċedura

(a) Ir-riċerka ssir fuq kampjun ta' 100 g wara s-separazzjoni ta' kwalunkwe materja għajr iċ-ċereali bażi ta' kwalità bla mittiefsa.

(b) Ifrex il-kampjun fuq trej u omoġenizzah tajjeb.

(c) Daħħal pjanċa fl-apparat tat-tqattigħ tal-ħbub u ifrex ponn ħbub fuq ix-xibka. Tektek sew biex tiżgura li f'kull toqba jkun hemm ħabba waħda biss. Niżżel il-parti mobbli biex iżżomm il-ħbub f'posthom u mbagħad aqtagħhom.

(d) Ipprepara b'dan il-mod pjanċi biżżejjed biex tiżgura li jinqatgħu minimu ta' 600 ħabba.

(e) Għodd in-numru ta' ħbub li tilfu l-aspett vitruż tagħhom għal kollox jew parzjalment.

(f) Ikkalkola l-perċentwali ta' ħbub li tilfu l-aspett vitruż tagħhom għalkollox jew parzjalment.

3.4. Espressjoni tar-riżultati

I	=	massa fi grammi ta' materja għajr iċ-ċereali bażi ta' kwalità bla mittiefsa.
M	=	il-perċentwali ta' ħbub imnaddfa eżaminati li tilfu l-aspett vitruż tagħhom għalkollox jew parzjalment.

3.5. Riżultat

Il-perċentwali ta' ħbub li tilfu l-aspett vitruż tagħhom għalkollox jew parzjalment fil-parti ttestjata tal-kampjun huwa:

$$[M \times (100 - I)]/100 = \dots$$

PARTI D

4. METODI OĦRA APPLIKABBLI GĦAD-DETERMINAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-QAMĦ DURUM

- 4.1. Il-metodu għad-determinazzjoni tal-indiċi tal-waqqgħa ta' Hagberg (test tal-attività tal-amilażi) għandu jkun skont ISO 3093:2004;
- 4.2. Il-metodu standard għad-determinazzjoni tal-piż speċifiku għandu jkun l-ISO 7971/2:1995;
- 4.3. il-metodi għat-teħid tal-kampjuni u l-metodi ta' analiżi ta' referenza għad-determinazzjoni tar-rati tal-mikotossina għandhom ikunu daww imsemmija fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 u stabbiliti fl-Anness Anness I u II tar-għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 401/2006 ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 70, 9.3.2006, p. 12.

ANNEX III

(Artikolu 15(2) a)

PARTI A

RENDIMENT BAŻIKU TAR-ROSS MIT-THIN

Biex ikun ta' kwalità bnina, tajba u li tista' tinbiegħ, ir-rendiment mit-tħin m'għandux ikun inqas minn ħames punti meta mqabbel mar-rendimenti bażiċi mniżżla hawn taħt.

Deskrizzjoni tal-varjetà	Rendiment fi hbib sħaħ (f%)	Rendiment globali (f%)
Argo, Selenio, Couachi	66	73
Alpe, Arco, Balilla, Balilla GG, Balilla Sollana, Bomba, Bombon, Colina, Elio, Flipper, Frances, Lido, Riso, Matusaka, Monticili, Pegonil, Sara, Stella, Thainato, Thaiparla, Ticinese, Veta, Leda, Mareny, Clot, Albada, Guadiamar	65	73
Ispaniki A, Makedonia	64	73
Bravo, Europa, Loto, Riva, Rosa Marchetti, Savio, Veneria	63	72
Tolima	63	71
Inca	63	70
Alfa, Ariete, Bahia, Carola, Cigalon, Corallo, Cripto, Cristal, Drago, Eolo, Girona, Gladio, Graldo, Indio, Italice, Jucar, Koral, Lago, Lemont, Mercurio, Miara, Molo, Navile, Niva, Onda, Padano, Panda, Pierina, Marchetti, Ribe, Ringo, Rio, S. Andrea, Saturno, Senia, Sequial, Smeraldo, Star, Stirpe, Vela, Vitro, Calca, Dion, Zeus	62	72
Strymonas	62	71
Anseatico, Baldo, Belgioioso, Betis, Euribe, Italpatna, Marathon, Redi, Ribello, Rizzotto, Rocca, Roma, Romanico, Romeo, Tebre, Volano	61	72
Bonnet Bell, Rita, Silla, Thaibonnet, L 202, Puntal	60	72
Evropi, Melas	60	70
Arborio, Blue Belle, Blue Belle "E", Blue Bonnet, Calendal, Razza 82, Rea	58	72
Maratelli, Precoce Rossi	58	70
Carnaroli, Elba, Vialone Nano	57	72
Axios	57	67
Roxani	57	66
Pygmalion	52	71
Varjetajiet mingħajr isem	64	72

PARTI B

PERĊENTWALI MASSIMI TAD-DIFETTI TAR-ROSS

Biex ir-ross ikun ta' kwalità bnina, tajba u li tista' tinbiegħ, il-perċentwali ta' impuritajiet varji, il-perċentwali ta' ħbub ta' ross ta' varjetajiet oħra u l-perċentwali ta' ħbub ta' kwalità mhux mittiefsa, kif definit fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, ma għandhomx jaqbu l-perċentwali massimi stabbiliti fl-Anness III għal dan ir-Regolament, skont it-tip ta' ross.

"Impuritajiet varji" tfisser il-materja barranija kollha minbarra r-ross.

Difett tal-ħbub	Rossa tal-ħabba tonda Kodiċi NM 1006 10 92	ħabba medja u Twila A Kodiċijiet NM 1006 10 94 u 1006 10 96	Ross tal-ħabba twila B Kodiċi NM 1006 10 98
ħbub immermra	6	4	4
ħbub b'vini ħomor	10	5	5
ħbub imtebbgħa u bit-tikek	4	2,75	2,75
ħbub kulur l-ambra	1	0,50	0,50
ħbub sofor	0,175	0,175	0,175
Impuritajiet varji	1	1	1
ħbub tar-ross ta' varjetajiet oħra	5	5	5

ANNEX IV
(Artikolu 19 (1))

ŻIDJET U TNAQQISIET FIL-PREZZIJIET TAL-QAMĦ DURUM

Iż-żidiet u t-tnaqqisiet fil-prezz tal-qamħ durum għandhom jiġu applikati flimkien skont l-ammonti mniżżla hawn taħt:

- (a) jekk il-kontenut ta' ndewwa tal-qamħ durum offrut għall-intervent ikun inqas minn 14 % iż-żidiet applikabbli fil-prezz għandhom ikunu daww elenkati fit-Tabella I hawn taħt.

Tabella I

Żidiet għall-kontenut ta' ndewwa tal-qamħ durum

Kontenut ta' ndewwa (%)	Żidiet (EUR/t)
13,4	0,1
13,3	0,2
13,2	0,3
13,1	0,4
13,0	0,5
12,9	0,6
12,8	0,7
12,7	0,8
12,6	0,9
12,5	1,0
12,4	1,1
12,3	1,2
12,2	1,3
12,1	1,4
12,0	1,5
11,9	1,6
11,8	1,7
11,7	1,8
11,6	1,9
11,5	2,0
11,4	2,1
11,3	2,2
11,2	2,3
11,1	2,4
11,0	2,5
10,9	2,6
10,8	2,7
10,7	2,8
10,6	2,9

Kontenut ta' ndewwa (%)	Żidiet (EUR/t)
10,5	3,0
10,4	3,1
10,3	3,2
10,2	3,3
10,1	3,4
10,0	3,5

- (b) jekk il-kontenut ta' ndewwa jkun ogħla minn 14 %, it-tnaqqisiet applikabbli fil-prezz għandhom ikunu dawk elenkati fit-Tabella II hawn taħt:

Tabella II

Tnaqqisiet għal-livelli tal-ndewwa tal-qamħ durum

Kontenut ta' ndewwa (%)	Tnaqqis fil-prezz (EUR/t)
14,5	1,0
14,4	0,8
14,3	0,6
14,2	0,4
14,1	0,2

- (c) fejn il-perċentwal tal-ħbub miksura jaqbeż it-3 %, għandu jiġi applikat tnaqqis ta' EUR 0,05 għal kull żieda ta' 0,1 % fil-perċentwal tal-ħbub miksura;
- (d) fejn il-perċentwal tal-impuritajiet fil-ħbub jaqbeż it-2 % għall-qamħ durum, għandu jiġi applikat tnaqqis ta' EUR 0,05 għal kull żieda supplementari ta' 0,1 % fil-perċentwal ta' impuritajiet;
- (e) fejn il-perċentwal tal-ħbub bin-nebbieta jaqbeż it-2,5 %, għandu jiġi applikat tnaqqis ta' EUR 0,05 għal kull punt perċentwali addizzjonali ta' 0,1 %;
- (f) fejn il-perċentwal tal-impuritajiet varji (*Schwarzbesatz*) jaqbeż 0,5 % għall-qamħ durum, għandu jiġi applikat tnaqqis ta' EUR 0,1 għal kull żieda supplementari ta' 0,1 % fil-perċentwal;
- (g) fejn, għall-qamħ durum, il-perċentwal ta' ħbub li tilfu l-aspett vitruż jaqbeż l-20 %, għandu jiġi applikat tnaqqis ta' EUR 0,2 għal kull żieda ta' 1 % jew ta' frazzjoni ta' 1 %.

ANNEX V

(Artikolu 19 (1))

ŻIDJET U TNAQQISIET FIL-PREZZIJIET TAR-ROSS

1. Iż-żidiet u t-tnaqqisiet fil-prezz tar-ross għandhom jiġu applikati għall-prezz tal-intervent tar-ross paddy offrut għall-intervent billi dan tal-aħħar jiġi mmultiplikat bis-somma tal-perċentwali tat-tnaqqis u taż-żidiet, determinati hekk:

- (a) jekk ir-rendiment mit-tħin tar-ross jkun differenti mir-rendiment bażiku mit-tħin għall-varjetà kkonċernata prevista fil-Parti A tal-Anness III għal dan ir-Regolament, iż-żidiet u t-tnaqqisiet li għandhom jiġu applikati fil-prezz huma determinati fit-Tabella I hawn taħt, skont il-varjetà tar-ross;

Tabella I

Żidiet u tnaqqisiet marbuta mar-rendiment mit-tħin tar-ross

Rendiment mit-tħin ta' hhub sħaħ tar-ross paddy	Żidiet u tnaqqisiet fil-prezz għal kull punt ta' rendiment
Ogħla mir-rendiment bażiku	Żieda ta' 0,75 %
Inqas mir-rendiment bażiku	Tnaqqis ta' 1 %
Rendiment globali mit-tħin tar-ross paddy	Żidiet u tnaqqisiet fil-prezz għal kull punt ta' rendiment
Ogħla mir-rendiment bażiku	Żieda ta' 0,60 %
Inqas mir-rendiment bażiku	Tnaqqis ta' 0,80 %

- (b) fejn id-difetti fil-qamħ tar-ross paddy jaqbżu t-tolleranzi aċċettati għall-kwalità standard tar-ross paddy, il-perċentwal ta' tnaqqis li għandu jkun applikat fuq il-prezz tal-intervent għandu jkun kif stabbilit fit-Tabella II hawn taħt, skont it-tip ta' ross;

Tabella 2

Tnaqqis tal-prezz skont id-difetti tal-hhub tar-ross

Difett tal-hhub	Perċentwali ta' qamħ difettuż li jwassal għal tnaqqis fil-prezz tal-intervent			Perċentwali ta' tnaqqis ⁽¹⁾ applikabbli għad-diskrepanza addizzjonali lil hinn mill-inqas limitu
	Rossa tal-ħabba tonda Kodiċi NM 1006 10 92	Ħabba medja u twila A Kodiċijiet NM 1006 10 94 u 1006 10 96	Ross tal-ħabba twila B Kodiċi NM 1006 10 98	
Hhub immermra	minn 2 % sa 6 %	minn 2 % sa 4 %	minn 1,5 % sa 4 %	1 % għal kull diskrepanza ta' 0,5 % addizzjonali
Qamħ b'vini ħomor	minn 1 % sa 10 %	minn 1 % sa 5 %	minn 1 % sa 5 %	1 % għal kull diskrepanza ta' 1 % addizzjonali
Qamħ imtebba' u bit-tikek	minn 0,50 % sa 4 %	minn 0,5 % sa 2,75 %	minn 0,50 % sa 2,75 %	0,8 % għal kull diskrepanza ta' 0,25 % addizzjonali
Hhub kulur l-ambra	minn 0,05 % sa 1 %	minn 0,05 % sa 0,50 %	minn 0,05 % sa 0,50 %	1,25 % għal kull diskrepanza ta' 0,25 % addizzjonali
Hhub sofor	minn 0,02 % sa 0,175 %	minn 0,02 % sa 0,175 %	minn 0,02 % sa 0,175 %	6 % għal kull diskrepanza ta' 0,125 % addizzjonali

(1) Kull diskrepanza hija kkalkulata mill-perċentwali tal-hhub difettużi, sat-tieni post deċimali.

- (c) fejn il-kontenut tal-indewwa tar-ross paddy jaqbeż it-13 %, il-perċentwali ta' tnaqqis fil-prezz tiegħu tal-intervent għandu jkun ugwali għad-differenza bejn il-perċentwali tal-kontenut tal-indewwa tar-ross paddy offrut għall-intervent, ikkalkulat sa post deċimali, u 13 %;
 - (d) fejn il-perċentwali ta' impuritajiet varji fir-ross paddy jaqbeż 0,1 %, dan għandu jinxtara bi tnaqqis fil-prezz tal-intervent ta' 0,02 % għal kull żieda ta' 0,01 %;
 - (e) fejn lott ta' ross paddy jiġi offrut għall-intervent għal varjetà partikolari, iżda jkun jinkludi h̄ubub ta' varjetajiet oħra li jaqbżu t-3 %, il-il-lott għandu jinxtara bi tnaqqis ta' 0,1 % fuq il-prezz tal-intervent għal kull żieda ta' 0,1 %.
2. Iż-żidiet u t-tnaqqisiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu determinati fuq il-bażi tal-medja ppeżata tar-riżultati tat-test fuq il-kampjun rappreżentattiv kif definit fl-Artikolu 16.
-

ANNEX VI

(Artikolu 27, it-tieni paragrafu)

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 489/2005	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	—
Artikolu 2(1)	Artikolu 4(2)(a) u (b)
Artikolu 2(2)	—
Artikolu 3(1)	Artikolu 15(1)
Artikolu 3(2)	Artikolu 15(2)
Artikolu 3(3)	Anness III, il-parti B
Artikolu 4	Anness V
Artikolu 5	—
L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1)	Artikolu 4(1)
It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1)	—
Artikolu 6(2) u (3)	Artikolu 4(2)(a)
Artikolu 6(4)	Artikolu 4(3)
Artikolu 6(5)	Artikolu 5(1)
Artikolu 7	—
Artikolu 8(1) u (2)	Artikolu 11(1)
Artikolu 8(3)	—
Artikolu 9(1)	L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1)
L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(2)	Artikolu 10(2)
It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2)	—
Artikolu 9(3)	Artikolu 10(3)
Artikolu 10(1)	Artikolu 17(1)
Artikolu 10(2)	L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4)
Artikolu 10(3)	It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(4)
Artikolu 11	—
Artikolu 12(1) u (2)	Artikolu 16(1) u (2)
Artikolu 12(3)	—
L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1)	Artikolu 14
It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1)	Artikolu 16(4)
Artikolu 13(2)	Artikolu 16(5)
Artikolu 14	Artikolu 18
L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(1)	L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(1)
It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1)	—
L-ewwel u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(2)	Artikolu 19(2)

Regolament (KE) Nru 489/2005	Dan ir-Regolament
It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 15(2)	It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2)
Artikolu 16	—
Artikolu 17	Artikolu 16(3)
Artikolu 18	Artikolu 21
Anness I	—
Anness II, Parti A	Anness III, Parti A
Anness II, Parti B	Anness V
Anness III	Anness III, Parti B
Anness IV	Anness V
Anness V	—
Anness VI	—